

Brussell, 26 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0151(COD)

13052/1/18
REV 1

CODEC 1648
AUDIO 77
DIGIT 197
CONSOM 276
TELECOM 333

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl tar-realtajiet tas-suq li qed jinbidlu (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-26 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq tal-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 62 TFUE, lill-Kunsill.
2. Fit-2 ta' Ottubru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill².

¹ 9479/16.

² 12689/18.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Ottubru 2016³.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Diċembru 2016⁴.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-approvazzjoni tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab f'PE-CONS 33/18, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss, bid-Danimarka, in-Netherlands, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja u l-Irlanda jivvutaw kontra, u l-Lussemburgu u r-Renju Unit jastjenu;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum 1 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti għal dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 157.

⁴ ĠU C 185, 9.6.2017, p. 41.